MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1772/2004

**Valletta Freight Services (Shipping) Limited**

**vs**

**Alfred Cuschieri ezercenti l-kummerc bl-isem Danka Import Export Agency**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Settembru, 2004 fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u wiehed u tletin Lira Maltija u tmienja u sittin centezmu (Lm431.68), bilanc ta' soma akbar, import ta' noll u "charges" ohra dovuti in konnessjoni mal-garr u skarikar ta' merkanzija li waslet Malta fil-21 ta' Novembru, 2003 fuq il-vapur "MARS" skond kif jidher**

**fuq l-invoice Dok.A bl-imghaxijiet mid-data ta' l-ittra ufficjali.**
**Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-10 ta' Gunju, 2004.**

**Ra r-risposta prezentata fl-14 ta' Ottubru, 2004, fejn intqal;**
**i. Illi l-konvenut jeccepixxi n-nullita` tal-avviz tat-talba stante illi ma tinkludix ir-rekwiziti indikati fl-Artikolu 174(2) tal_Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.**
**ii. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-attur kien gie infurmat minn qabel li kien qed igorr hazardous cargo.**
**iii. Illi l-attur kien unikament responsabbli ghall-ispejjez zejda li gew mhallsa.**
**iv. Illi l-ammont pretil huwa ezorbitanti.**
**v. Illi l-konvenut ma giex infurmat qabel ma l-pretizi spejjez gew effettivament inkorsi.**
**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez.**
**Ra l-verbal tad-19 ta' Novembru, 2004 li fih il-konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni tieghu.**

**Semgha x-xhieda ta' Mario Tellus, Victor Vella, David Jones, Geraldine Vella, Alfred Cuschieri. Ra l-affidavit ta' Alfred Cuschieri. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-disfensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Is-socjeta` attrici qed tfittex ghal hlas ta' noll u charles dovuti in konnessjoni ma' garr u skarikar ta' merkanzija li waslet Malta fil-21 ta' Novembru, 2003 fuq il-vapur "MARS". Il-konvenut eccepixxa li l-attur kien infurmat minn qabel dwar li kien ser igorr "hazardous cargo".**
**2. Il-kwistjoni kollha ghalhekk tirrisolvi ruhha fuq dan il-punt jekk il-konvenut infurmax lis-socjeta` attrici dwar it-tip ta' merci li kellhom igorru. Dana qed jinghad peress illi meta wiehed igorr merci meqjusa bhala "hazardous" jidhlu proceduri specali u jizdiedu l-ispejjez.**

**3. Skond Mario Tellus, Operations Manager mas-socjeta` attrici, huma qatt ma gew infurmati dwar li kien hemm “hazardous cargo”. Jghid li hemm obbligu da parti tal-importatur u tal-esportatur li jinfurmaw b’dan. Spjega li c-certifikat tal-esportatur, Allegrini spa, juri li l-merci kienet meqjusa “hazardous”, u dana skond d-dokument esebit a fol.11 li s-socjeta` attrici rceviet, u li hu datat 11 ta’ Novembru, 2003.**

**4. Mario Tellus spjega ukoll li huma jigu infurmati dwar it-tip ta’ merci qabel ma jikkwotaw prezz. Jghid ukoll li l-konvenut qatt ma nfurmahom b’dan, filwaqt li fl-ahhar mument meta l-merci waslet biex titghabba, huma gew infurmati mill-esportatur. Meta saru jafu b’dan, is-socjeta` attrici infurmat lill-konvenut dwar l-ispejjez zejda. Fl-email mibghut mis-socjeta` attrici lill-konvenut, datat 2 ta’ Gunju, 2004, hemm referenza ghall-fatt li l-konvenut kien dejjem qalilhom li ma kienx “hazardous cargo”, u li l-konvenut ipprometta li jekk Allegrini spa kienet fil-fatt baghtet “hazardous cargo” u kien ihallas l-ispejjez addizzjonali. Il-konvenut jidher li wiegeb ghhal din l-email, fol.13, fejn qal li hu qatt ma kien infurmat li kien hemm “hazardous cargo”.**

**5. Fil-25 ta’ Novembru, 2003 is-socjeta` attrici baghtet lill-konvenut rendikont tal-ispejjez, u ghal dan ma rcevew ebda kontestazzjoni.**

**6. Victor Vella, Comercial Manager mas-socjeta` attrici, jikkonferma li l-konvenut jimporta accessorji ta’ karrozzi, bhalma huwa zjut u batteriji. Fil-kaz in eazmi kien qed jimporta zjut, materjal ghat-tindif u liquid paraffin, kif jindika d-Dok.A. Il-konvenut kien gie mistoqsi jekk il-merci kienetx “hazardous” u dan qal li ma kienetx.**

**7. Vella jispjega li meta gew infumati minn barra li kien hemm “hazardous material” infurmaw lill-konvenut, u dan qalilhom biex ikomplu bil-proceduri biex il-merci tingieb Malta. Vella jikkonferma li l-konvenut baghtulu kemm kienu l-ispejjez u dan ama rrifjutahomx. Intbaghat invoice, u fir-rigward Vella jghid li l-konvenut: “did not dispute the invoice.”**

**8. l-Direttur tas-socjeta` attrici, David Jones, jikkonferm ali l-konvenut kien qalilhom li l-merci**

**kienet “non-hazardous”. Jikkonferma ukoll li meta instab li fil-fatt il-merci kienet “hazardous”, il-konvenut xorta ried li l-merci titghabba ma l-ewwel vapor. Jispjega li kien tilef l-ewwel vapor, u ghalhekk tghabba fuq il-vapur “MARS”.**

**9. Geraldine Vella li tiehu l-bbokings ghas-socjeta` attrici tirreferi ghall-fatt li gew infurmati mill-esportatur dwar li l-merci kienet “hazardous”, filwaqt li l-konvenut kien ghamel booking ghal “non-hazardous Material”. Hi tikkonferma li meta rceviet ezattament kemm kienu c-charges, bghatet e-mail lill-konvenut, Dok.DJ1. Il-konvenut staqsiha dwar x’kienu l-ispejjez zejda, ogett b’oggett, u din spjegatlu.**

**10. Il-konvenut jikkonferma dwar li jimporta prodotti ghal karrozzi bhal car care products, batteriji u affarijiet simili. Jaqbel ukoll li kien inkariga lis-socjeta` attrici biex iggorlu u thottlu l-merkanzija. Jghid li fl-4 ta’ Novembru, 2003 inghata dokument relattiv ghall merci fejn kien hemm indikat li kien hemm “hazardous material.” Skond il-konvenut is-socjeta` attrici kienet giet avzata fil-hin dwar dan u ghalhekk kienu f’posizzjoni li jevitaw li jigu inkorsi spejjez zejda. Jghid li sar jaf dwar li l-materjal kien “hazardous” permezz ta’ telefonata mis-socjeta` attrici. Jghid li gie avzat bl-extra charles meta l-merci kienet gja ingabret, u cioe` meta kien tard wisq ghalih, Il-konvenut jichad li approva l-extra charges. Il-konvenut xehed hekk: “Kieku jiena gejt infurmat li l-merkanzija keinet “hazardous” kont inhall l-merkanzija ghand Allegrini u nghamel arrangamenti separati bla dik il-markanzija ma’ Valletta Freight.”**

**11. Tenut kont ta’ dan kollu, it-Tribunal hu soddisfatt illi l-konvenut fil-fatt, kif del resto qal hu stess, kellu bzonn tal-merci peress illi l-istock li kellu kien qed jispicca. Apparti minn dan jidher illim l-konvenut, meta gie infurmat ma oggezzjonax, anzi hgie spjegat lilhu dettaljatament x’kienu l-ispejjez zejda inviluti u dana caettahom. Inoltre anke meta intbghatlu l-invoice relattiv, dana ma kienx ikkontestah. Il-merci ingarret u dana fuq inkarigu tal-konvenut. Is-socjeta` attrici ghalhekk ghandha dritt tithallas ghall dawk l-ispejjez zejda inkorsi minaba it-tip ta’ materjal li ngarr,**

**tip ta' materjal li l-istess konvenut naqas milli jinforma lis-socjeta` attrici dwaru. Ghalhekk l-ammont rekalmat huwa dovut.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa t-talba attrici, u jikkundanna lill-konvenut fil-kwalita` tieghu premessa ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erba' mija u wiehed u tletin lira maltija u tmienja u sittin centezmu (Lm431.68).**
**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-10 ta' Gunju, 2004, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------